# Il-Ħadd 21.09.2014

L-ewwelnett għandna diversi avviżi marbutin mal-andament tad-duttrina għal din is-sena:

1. Dawk il-ġenituri li jixtiequ jiktbu lil uliedhom għad-duttrina għall-ewwel darba, għandhom jieħdu magħhom iċ-ċertifikat tal-Magħmudija li jinkiseb mill-uffiċċju parrokkjali tal-knisja fejn irċevew il-Magħmudija uliedhom.

2. Il-Quddiesa tal-Bidu, li għaliha huma mitluba jiġu kemm il-ġenituri kif ukoll it-tfal, ser issir nhar it-Tnejn 29/09 fis-6:30pm.

3. Infakkar li l-jiem tad-duttrina fil-Parroċċa tagħna ser ikunu hekk:

| | | |
|---|---|---|
| **Subien:** | *Mill-Yr 1 sal-Yr 5*: | It-Tnejn u l-Ħamis<br>bejn il-5:30pm u s-6:25pm |
| | *Mill-Yr 6 'il fuq*: | Kuljum (inkluż s-Sibt u Ħadd) barra l-Erbgħa<br>bejn is-7:00pm u t-8:00pm. |
| **Bniet:** | *Yr 1, Yr 3, Yr 5 u Fm1*: | It-Tnejn u l-Ħamis<br>bejn il-5:00pm u s-5:45pm |
| | *Yr 2, Yr 6, u Fm2*: | It-Tnejn u l-Ħamis<br>bejn il-6:00pm u s-6:45pm |
| | *Yr 4 u minn Fm3 'il fuq*: | It-Tlieta u l-Ġimgħa<br>bejn il-5:45pm u s-6:30pm. |

Importanti li ma nimpenjawx lit-tfal bi privatijiet u lezzjonijiet tal-kant, żfin, futboll, eċċ, f'dawn il-ħinijiet.

4. It-Tlieta 23/09 ser issir Laqgħa tal-Kummissjoni Djakonija fis-7:15pm fl-Uffiċċju Parrokkjali. Il-membri mitluba jattendu.

5. L-Erbgħa 24/09 ser issir Laqgħa tal-Kummissjoni Familja fis-7:15pm fl-Uffiċċju Parrokkjali. Il-membri mitluba jattendu.

6. Il-Ħamis 25/09 imiss il-Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali fis-7:15pm fl-Uffiċċju Parrokkjali. Il-membri mitluba jattendu.

7. Il-Ħadd 28/09:
   - Bħala Insara mxerrdin madwar id-dinja aħna mistednin mill-Papa Franġisku biex ningħaqdu flimkien fit-talb lill-Ispirtu s-Santu bi thejjija għas-Sinodu Straordinarju tal-Isqfijiet li ser isir Ruma fil-jiem li ġejjin (bejn il-5/10 u d-19/10) dwar *'L-isfidi pastorali tal-familja fil-kuntest tal-evanġelizzazzjoni'*, li ser isir bejn il-5 u d-19 ta' Ottubru li ġej.
   - Nitolbu fuq kollox bl-interċessjoni tal-Familja Mqaddsa sabiex din il-laqgħa tal-Isqfijiet tkun mument ta' grazzja u tiġdid għall-Knisja u għall-familji tad-dinja kollha.
   - B'mod speċjali noffru t-Talba tar-Rużarju għal dan il-għan.